

*Dokument ta' sessjoni*

18.4.2012

B7-0216/2012

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjonijiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

skont l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar iċ-ċertezza ġuridika tal-investimenti Ewropej barra l-Unjoni Ewropea
(2012/2619(RSP))

Joseph Daul, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Jaime Mayor Oreja, Ioannis Kasoulides, Luis de Grandes Pascual, Daniel Caspary, Francisco José Millán Mon, Veronica Lope Fontagné, Godelieve Quisthoudt-Rowohl, Pablo Zalba Bidegain, María Auxiliadora Correa Zamora, Antonio López-Istúriz White, Santiago Fisas Ayxela, Esther Herranz García, Carlos José Iturgaiz Angulo, Eva Ortiz Vilella, Rosa Estaràs Ferragut, Cristina Gutiérrez-Cortines, Pilar del Castillo Vera, Salvador Garriga Polledo, Gabriel Mato Adrover, Pablo Arias Echeverría, Alejo Vidal-Quadras, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Pilar Ayuso, Juan Andrés Naranjo Escobar, Teresa Jiménez-Becerril Barrio
fisem il-Grupp PPE-DE

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar iċ-ċertezza ġuridika tal-investimenti
Ewropej barra l-Unjoni Ewropea
(2012/2619(RSP))**

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-rapport tiegħu dwar is-sħubija strateġika bireġjonali bejn l-UE u l-Amerika Latina approvat fid-29 ta' Marzu 2010,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Artikolu 207 tat-TFUE jiddetermina li l-investimenti Ewropej fil-pajjiżi terzi huma element uniformi tal-politika kummerċjali komuni tal-Unjoni Ewropea u jifformaw, għalhekk, parti integra mill-azzjoni esterna tagħha u, mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE, huma kompetenza esklussiva tal-Unjoni;
- B. billi d-deċiżjoni mħabbra mill-Gvern tar-Repubblika Arġentina li jibgħat l-abbozz ta' liġi lill-Kungress Arġentin biex jivalida l-espropriazzjoni ta' 51 % tal-azzjonijiet tal-kumpanija taż-żejt YPF, li fil-maġġornaza tagħha għandha l-parċeċipazzjoni ta' impriżza Ewropea, li l-maġġoranza tal-azzjonijiet tagħha huma preċiżament l-objettiv tal-espropriazzjoni mitluba;
- C. billi dan it-tħabbir sar flimkien, b'mod immedja u effiċjenti, mat-teħid ta' kontroll effettiv tas-sede tal-kumpanija min-naħħa tal-awtoritajiet tal-Gvern federali Arġentini, filwaqt li l-ġestjonarji u l-impiegati leġittimi maħtur mill-bord tad-diretturi ta' din il-kumpanija tkeċċew u twarrbu;
- D. billi f'dawn l-aħħar xhur din il-kumpanija batiet minn kampanja pubblika intenzjonata ta' fastidju u ta' persekuzzjoni li, flimkien ma' diversi deċiżjonijiet amministrattivi, wasslet konsegwentement għat-telf frawdulenti tal-valur tagħha fis-suq tal-istokkijiet, bir-riżultat ta' ħsara lill-azzjonisti kollha tagħha; billi kumpaniji oħra Ewropej ukoll esperjenzaw sitwazzjonijiet simili min-naħħa tal-awtoritajiet Arġentini;
- E. billi t-tħassib espress mill-Kummissjoni Ewropea f'diversi okkażjonijiet quddiem l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ dwar in-natura u l-applikazzjoni tal-miżuri restrittivi applikati fuq l-importazzjoni mill-Gvern Arġentini u li affettaw numru dejjem jikber ta' paxi li jagħmlu parti mill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ;
- F. billi r-Repubblika Arġentina, bħala membru sħiħ tal-MERCOSUR, tinsab mgħaddsa fil-proċess ta' negozjar mal-UE dwar ftehim ta' sħubija, li wieħed mill-objettivi tiegħu huwa l-liberalizzazzjoni progressiva u reċiproka tal-kummerċ u li, skont ir-riżultat tiegħu, l-offerti differenti agrikoli, tas-servizzi u tal-investimenti taż-żewġ partijiet sejkollhom rwol importanti fis-suċċess tan-negozjati;
- G. billi r-Repubblika Arġentina tradizzjonalment ibbenefikat mis-sistema ta' preferenzi

ġeneralizzati mogħtija unilateralment mill-UE;

1. Jiddispjaċih ħafna bid-deċiżjoni tal-Gvern Arġentini li jiproċedi bl-esproprijazzjoni tal-maġġoranza tal-ishma ta' kumpanija Ewropea peress li din hija miżura arbitrarja, inġusta u li għandha b'mod ċar natura ta' kkonfiskar, li tagħmel ħsara direttament l-eżerċizzju tal-intraprenditorija ġielsa u l-prinċipju ta' ċertezza ġuridika fil-qasam tal-investimenti u li tiddeterjora l-ambjent ta' investiment Ewropew f'dan il-pajjiż;
2. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar is-sitwazzjoni ġġenerata min-nuqqas ta' konformità mal-obbligi li jirriżultaw mid-Dritt internazzjonali u mill-konformità mal-ftehimiet internazzjonali; iwissi dwar il-konseguenzi possibli li għandhom ħabta jkollhom dawn l-atti peress li jbiegħdu l-investituri internazzjonali meħtieġa għall-iżvilupp u t-ķabbir u jipprovokaw reazzjonijiet negattivi fil-komunità internazzjonali;
3. Ifakkar fil-ħbiberija tradizzjonali bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Arġentina, li bejniethom jaqsmu valuri u prinċipji komuni, u jheġġegħ lill-awtoritajiet Arġentini biex jerġgħu jaqbdū t-triq tad-djalogu u n-negozjati bħala mezz iktar adegwat biex jissolvew id-differenzi possibbli bejn is-sħab u il-pajjiż li tradizzjonalment kienu ħbieb;
4. Ifakkar li n-negozjati li għaddejjin bħalissa dwar il-ftehim ta' sħubija bejn l-UE u l-MERCOSUR għandhom l-objettiv li jiksbu qafas ta' integrazzjoni ekonomika u ta' djalogu politiku bejn iż-żewġ blokki fejn jikkonċerna l-kisba tal-ogħla livelli ta' prosperità u progress għaż-żewġ reġjuni u li d-deċiżjonijiet bħal dik meħuda mill-awtoritajiet Arġentini ma jiffavorixx l-ambjent ta' kordjalità u fehim meħtieġ biex jintlaħaq dan il-ftehim;
5. Jitlob lill-President tal-Kunsill Ewropew, lill-President tal-Kummissjoni Ewropea u lir-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà biex jintervenu mal-awtoritajiet Arġentini biex jiddefndu l-interess Komunitarju u jissalvagwardjaw il-prinċipju ta' ċertezza ġuridika li għandha tiżgura il-preżenza u l-investiment Ewropej f'dan il-pajjiż tal-Amerika Latina;
6. Iheġġegħ lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Kunsill biex jistudjaw u jadottaw fid-difiża tal-interessi Ewropej il-miżuri kollha li jkun hemm bżonn biex jevitaw li jirrikorru sitwazzjonijiet bħal dik preżenti;
7. Jitlob lill-President tal-Kummissjoni Ewropea biex jintervjeni mal-G-20 u l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ billi jesprimi t-tħassib tiegħu fir-rigward tal-fatt li avvenimenti bħal dawn jinvolvu l-ksur tal-impenji internazzjonali meħuda minn Stat Membru fir-rigward ta' wieħed mill-imsieħba tiegħu fiż-żewġ organiżmi;
8. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lil Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet tal-Istati Membri, lill-Gvern u l-Kungress tar-Repubblika Arġentina u lill-membri tal-Kunsill tal-MERCOSUR.